MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 365/2006

Kawza fil-lista: 17

**A B, f' isem binha minuri C D**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-7 ta' Novembru 2006 u li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet kienu mizzewwgin, u minn dan iz-zwieg, ghandhomm tifel C [li twieled fit-22 ta' Novembru 1990] u li ghalhekk ghadu minuri; li dan iz-zwieg gie annullat fit-30 ta' Gunju 2006; li l-konvenut ilu ma jhallas manteniment ghal ibnu mit-8 ta' Lulju 2005; ghaldaqstant qed titlob li din l-Qorti [1] tiffissa retta xierqa ta' manteniment ghall-minuri C D; u [2] tikkundanna lill-konvenut ihallas ir-retta alimentarja hekk

fissata b' effett mit-8 ta' Lulju 2005; bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiffissa retta alimentarja ghat-tifel minuri taz-zewg partijiet, u li l-konvenut jigi ordnat li jhallas tali retta mit-8 ta' Lulju 2005.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet ghandhom tifel komuni, li twieled fiz-zwieg, fit-22 ta' Novembru 1990.

Illi, ghalkemm sal-15 ta' Lulju 2005, il-konvenut kien jghaddi lill-attrici, bhala manteniment ghat-tifel, is-somma ta' €35 [ekwivalenti ghal LM15] fil-gimgha, izda minn dik id-data huwa waqaf jhallas manteniment, u dan, tghid l-attrici, avolja huwa kien jahdem u jaqla' l-flus.

Illi l-attrici pprezentat diversi dokumenti li juru l-ispejjez inkorsi minnha relatati ma' l-edukazzjoni u l-iskola tat-tifel, u li nofs dawn l-ispejjez jammonta ghal €2298 [ ekwivalenti ghal LM986.72][fol.19 et seq.] u €591 [ekwivalenti ghal LM253.71][fol.63 et seq.] – b' kollox €2889 [ekwivalenti ghal LM1,240.43];

Illi fil-mori tal-proceduri l-konvenut hallas lill-attrici s-somma ta' €1165 [ekwivalenti ghal LM500] akkont tal-manteniment dovut [fol.16].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li, ghalkemm il-konvenut kellu l-opportunita' li jirrispondi ghall-pretensjonijiet attrici, u kellu wkoll l-opportunita' li jaghti l-verzjoni tieghu, u kellu wkoll l-ordni minn din il-Qorti biex jipprezenta prospett dettaljat dwar il-pozizzjoni tieghu, dana baqa' inadempjenti; u ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-attrici baqghet mhux kontraddetta.

Illi fit-tieni lok tossereva li, gjaladarba l-konvenut kien accetta li jghaddi lill-attrici s-somma ta' €35 [ekwivalenti ghal LM15] fil-gimgha bhala manteniment ghall-ghejxien tat-tifel, u gjaladarba ma jirrizultax li l-pozizzjoni finanzjarja tal-konvenut hzienet minn dak iz-zmien, u ukoll tenut kont tal-fatt li l-manteniment mifthiehem huwa wiehed pjuttost baxx, il-Qorti hija tal-fehema li, fic-cirkostanzi ghandha tikkonferma din ir-retta alimentarja ta' €35 [ekwivalenti ghal LM15] fil-gimgha jew €140 [ ekwivalenti ghal LM60] fix-xahar , u li din ir-rata hija dovuta mill-15 ta' Lulju 2005 sakemm it-tifel ghalaq it-tmintax-il sena fit-22 ta' Novembru 2008. Ma dawn ghandhom jizdiedu nofs l-ispejjez inkorsi mill-attrici ghall-edukazzjoni tal-minuri.
Ghalhekk il-konvenut ghandu jghati lill-attrici bhala manteniment arretrati ghat-tifel komuni tal-partijiet is-somma komplessiva ta' €7353 [ekwivalenti ghal LM3,156.43] rapprezentanti - €5628 [ekwivalenti ghal LM2,416] manteniment dovut mill-15 ta' Lulju 2007 sal-22 ta' Novembru 2008: [LM60x12x3]+[LM60x4]+LM15; nieqes LM500 mhallas akkont; + €2889 [ ekwivalenti ghal LM1,240.43].

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u in kwantu ghall-ewwel talba tiffissa r-retta alimentarja ta' €35 [LM15] fil-gimgha, oltre nofs l-ispejjez inkorsi fl-edukazzjoni tal-minuri; u in kwantu ghat-tieni talba tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala arretrati ta' manteniment dovut minnu s-somma ta' sebat elef, tlett

mija erba’ u hamsin ewro u tmienja u erbghin ewro cents [€7,354.48] [LM3,156.43].

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------